# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XIII**
**Illum it-Tnejn, 29 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 205/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rafik Ben Ali Khemiri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rafik Ben Al Khemiri talli fit-18 ta' Lulju, 2000 ghall-habta tas-1.00 a.m. fl-Ghassa tal-Qawra (**1**) kiser il-mistrieh ta' l-abitanti bi storbju jew xort'ohra; (**2**) qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha; (**3**) irresista l-arrest tal-Pulzija; u (**4**) volontarjament ghamel hsara fuq l-uniformi tas-servizz ta' PC 899 F. Micallef;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat procediment ezawrit "kwantu l-akkuza tolqot il-hsarat fuq il-proprjeta` personali ta' PC 899", izda sabet lill-imsemmi Rafik Ben Ali Khemiri hati "ta' l-akkuza l-ohra" u, wara li "rat l-Art. 338(m), (bb), (ee) u 325(d) Kap. 9", ikkundannatu ghal periodu ta' detenzjoni ta' erbgha w ghoxrin siegha;

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Rafik Ben Ali Khemiri, minnu ppresentat fil-11 ta' Ottubru, 2000;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, illi hu ma ghamel xejn minn dak allegat kontra tieghu, u li dak li ghamel ghamlu biex jiddefendi lilu nnifsu kontra vjolenza illegali ezercitata fil-konfront tieghu minn membri tal-Korp tal-Pulizija.

Qabel xejn din il-Qorti tosserva li kif inhi redatta s-sentenza ta' l-ewwel qorti, jidher li dik il-qorti kienet qed tifhem li r-raba' imputazzjoni tirreferi, jew tirreferi wkoll, ghal proprjeta` "personali" tal-kuntistabbli 899. Fil-fatt l-uniformi tas-servizz ta'

kuntistabbli hi proprjeta` pubblika, u r-raba' imputazzjoni tirreferi biss ghal tali proprjeta` pubblika. Konsegwentement, in vista ta' dak li jipprovdi t-tieni proviso tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, ma kien hemm lok ta' ebda rinunzja jew li jigi dikjarat procediment ezawrit fir-rigward ta' xi proprjeta` personali (jigifieri proprjeta` li mhix pubblika) tal-imsemmi kuntistabbli peress li fir-rigward ta' tali proprjeta` personali ma kien hemm ebda imputazzjoni. Fi kwalunkwe kaz, peress li ma huwiex car mis-sentenza appellata jekk l-ewwel qorti kienitx qed tillibera lill-appellant minn parti mir-raba' imputazzjoni jew mir-raba' imputazzjoni kollha kemm hi, din il-Qorti ser ikollha necessarjament tiehu l-ipotesi l-aktar favorevoli ghall-appellant u ghalhekk tqis li l-appellant gie liberat kompletament mir-raba' imputazzjoni.

F'dana l-istadju ta' appell xhedu biss il-Kuntistabbli 899 Francis Micallef, l-Ispettur Silvio Valletta u l-appellant; PS 1021 u PC 1528, li kienu xhedu quddiem l-ewwel qorti, baqghu ma xhedux f'dina l-istanza. Issa, ghal dak li jirrigwarda l-incident li l-appellant kellu ma' PC 899 Micallef fil-Ghassa tal-Qawra, f'liema incident garrbu hsara l-*lanyard*, il-buttuni u l-ispalletti ta' l-uniformi ta' dana l-kuntistabbli, ma hemm ebda appell da parti tal-prosekuzzjoni fir-rigward tar-raba' imputazzjoni. Mid-deposizzjoni ta' dana PC Micallef, ebda wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra (cioe` l-ewwel, it-tieni u t-tielet) ma tirrisulta.

Id-deposizzjoni ta' l-Ispettur Silvio Valletta tirreferi principalment ghal dak li gara barra l-Ghassa tal-Qawra, mentri l-imputazzjonijiet jirreferu ghal dak li gara gewwa l-imsemmija Ghassa. Mid-deposizzjoni ta' dana l-Ispettur ma jirrisultax li l-appellant gewwa l-Ghassa kiser il-mistrieh tan-nies jew dagha jew "irresista l-arrest tal-pulizija". Bizzejjed jinghad li fl-Ghassa kien diga arrestat meta inqala' l-incident ma' PC 899.

L-appellant, pero`, fid-deposizzjoni tieghu jammetti li hu dagha fil-Ghassa tal-Pulizija. L-Ghassa tal-Pulizija hija post pubbliku.

Ghalhekk mill-kumpless tal-provi din il-Qorti tara li tirrisulta biss it-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li piena pekunjarja hija aktar indikata ghal dan il-kaz.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjoni, mill-liema imputazzjonijiet qed tilliberah; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu erbgha w ghoxrin siegha detenzjoni, u minflok tikkundannah ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'erbat (4) ijiem detenzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur